

Brussell, 18 ta' Jannar 2018
(OR. en)

5462/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0007 (NLE)

EDUC 13
JEUN 3
SOC 21
CULT 4
SPORT 2

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Jannar 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 23 final
Suġġett:	Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 23 final.

Mehmuż: COM(2018) 23 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.1.2018
COM(2018) 23 final

2018/0007 (NLE)

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea
tat-tagħlim**

{SWD(2018) 13 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Kif enfasizza l-President Juncker fid-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni 2017 *“l-Ewropa hija aktar minn sempliċiment suq uniku. Aktar milli sempliċiment flus, aktar mill-ewro. Minn dejjem kienet dwar il-valuri”*¹. Kif stipulat fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, *“L-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-non-diskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel”*.

Dawn il-valuri komuni huma l-pedament tad-demokraziji nazzjonali u riflessjoni ta' min aħna. Barra minn hekk, dawn jiffurmaw il-bażi tal-Unjoni tagħna li torbot pajjiżi, komunitajiet u persuni flimkien fi proġett politiku uniku, li wassal għall-itwal perjodu ta' paċi fl-Ewropa. Dan il-perjodu jnfirex minn meta nġelbu l-akbar firdiet tal-Ewropa bl-eżatt wara t-Tieni Gwerra Dinjija sar-riunifikazzjoni tal-Ewropa mal-pajjiżi Ċentrali u tal-Ewropa tal-Lvant wara l-1989. Unjoni paċifika, soċjali u demokratika tissejjes fuq dawn il-valuri, li mhux biss huma validi fl-Ewropa imma huma daww li jirrappreżentaw lill-Unjoni fid-dinja.

Kif enfasizzat fid-Dokument ta' Riflessjoni dwar id-Dimensjoni Soċjali tal-Ewropa, *“Meta mqabbla mad-dinja, is-soċjetajiet Ewropej huma postijiet għonja u affluwenti biex tgħix fihom. Għandhom l-oġġetti tal-livelli ta' protezzjoni soċjali fid-dinja u huma fost tal-ewwel fejn jidhru l-benessri, l-iżvilupp uman u l-kwalità tal-ħajja”*². Madankollu, għalkemm l-Unjoni għaddejja minn tkabbir kbir u l-qgħad laħaq l-aktar livell baxx mill-2009, meta jiġu mistoqsija dwar il-futur, bosta jesprimu ansjetà u tħassib speċjalment għall-ġenerazzjonijiet futuri. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha qed iħabbtu wiċċhom ma' varjetà ta' sfidi, inklużi l-popoliżmu, il-ksenofobija, in-nazzjonaliżmu diviżiv, id-diskriminazzjoni, it-tixrid ta' aħbarijiet foloz u ta' informazzjoni qarrieqa kif ukoll l-isfida tar-radikalizzazzjoni. Dawn il-fenomeni jistgħu jkunu ta' theddida serja għas-sisien tad-demokraziji tagħna, idgħajfu l-fiduċja fl-istat tad-dritt u fl-istituzzjonijiet demokratiċi u jfixxlu s-sens komuni ta' appartenenza fis-soċjetajiet Ewropej tagħna u bejniethom.

Id-demokrazija tagħna tista' taħdem biss jekk tkun leġittima f'għajnejn iċ-ċittadini li taqdi, kemm b'mod nazzjonali kif ukoll għall-Unjoni inġenerali. Hemm sinjali inkwetanti li juru li l-għarfien meħtieġ tal-valuri komuni tagħna u tar-rwol tad-demokrazija nazzjonali u Ewropea mhuwiex integrat biżżejjed. Dan jista' jwassal għall-erożjoni tagħhom u għal sfidi għall-koeżjoni tas-soċjetajiet tagħna kemm fl-Istati Membri kif ukoll fil-livell tal-UE. Il-promozzjoni ta' dawn il-valuri komuni integrati fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea hija vitali biex jissaħħu kemm id-demokraziji nazzjonali kif ukoll l-Unjoni tagħna.

Huwa essenzjali li fil-livelli kollha jkun hemm edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja u inklużivi, biex jiġu żgurati l-mobilità soċjali u l-inklużjoni, ħalli i-ċittadini tagħna jkollhom l-

¹ Id-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni, 13 ta' Settembru 2017 — https://ec.europa.eu/commission/state-union-2017_mt.

² Ara d-Dokument ta' Riflessjoni dwar id-Dimensjoni Soċjali tal-Ewropa, COM/2017/206 final, https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/reflection-paper-social-dimension-europe_mt.pdf

għarfien u l-ħiliet biex jirnexxu fis-suq tax-xogħol u biex jiġu promossi l-kompetenzi għall-
ħsieb kritiku u fehim aktar profund tal-valuri komuni tagħna.

F'xi Stati Membri, l-edukazzjoni tinkludi l-istruzzjoni ċivika nazzjonali. Din tista' tinkludi tagħlim dwar ir-raġunijiet għaliex l-Istati Membri għażlu li jikkooperaw b'mod volontarju u jintegraw f'Unjoni Ewropea. In-nuqqas ta' għarfien dwar l-orijini tal-UE, ir-raġunijiet għall-ħolqien tagħha u l-funzjonament bażiku tagħha jiffavorixxu l-informazzjoni qarrieqa u ma jħallix li jiġu fformati opinjonijiet infurmati dwar l-azzjonijiet tagħha. Barra minn hekk, l-għarfien dwar id-diversità soċjali, reliġjuża u kulturali u l-wirt, it-tradizzjonijiet u r-realtajiet politiċi tal-pajjiż stess, ta' Stati Membri oħra u ta' pajjiżi oħra fid-dinja, huwa essenzjali għar-rispett reċiproku, il-fehim u l-kooperazzjoni fl-Istati Membri u bejniethom u mad-dinja kollha.

Dan se jgħin biex titħares id-demokrazija fil-livelli kollha u, min-naħa l-oħra, jikkontribwixxi għal sens komuni ta' appartenenza fil-livell Ewropew.

Din ir-Rakkomandazzjoni hija mibnija fuq erba' objettivi: il-promozzjoni tal-valuri komuni fil-livelli kollha tal-edukazzjoni; it-trawwim ta' edukazzjoni aktar inklużiva; it-tħeġġiġ ta' dimensjoni Ewropea tat-tagħlim mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi nazzjonali f'dan il-qasam; kif ukoll l-appoġġ għall-għalliema u għat-tagħlim. Din tħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jikkondividu prattiki tajba u informazzjoni; u biex jiżviluppaw politiki kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE. L-impenji tal-Istati Membri huma ta' natura volontarja u kull Stat Membru jiddeċiedi l-approċċ li se jieħu biex jimplimentahom.

Biex jinkisbu dawk l-għanijiet u biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom, il-Kummissjoni se tieħu passi biex iżżid l-iskambji virtwali fost l-iskejjel, partikolarment permezz tan-netwerk e-Twinning u se tagħti spinta lill-mobilità tal-iskola taħt il-programm Erasmus+. Il-fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej jistgħu jgħinu biex jappoġġaw it-taħriġ tal-għalliema jew jiffinanzjaw infrastruttura li tippermetti l-edukazzjoni inklużiva.

• Sfond

Din ir-Rakkomandazzjoni tibni fuq id-*Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni* adottata f'laqgħa ministerjali informali li saret f'Pariġi fis-17 ta' Marzu 2015. Fid-Dikjarazzjoni ta' Pariġi, il-Ministri għall-edukazzjoni appellaw għal azzjonijiet fil-livelli kollha ta' governanza biex jissaħħaħ ir-rwol tal-edukazzjoni fil-promozzjoni taċ-ċittadinanza u tal-valuri komuni, fit-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali u fl-għajnuna għaż-żgħażaġh biex isiru membri responsabbli, b'moħħ miftuħ u attivi tas-soċjetajiet differenti u inklużivi tagħna³. Dawn identifkaw ukoll erba' objettivi ewlenin għall-kooperazzjoni fil-livell tal-UE:

- jiżguraw li t-tfal u ż-żgħażaġh jiksibu l-kompetenzi soċjali, ċiviċi u interkulturali billi jippromwovu l-valuri demokratiċi u d-drittijiet fundamentali, l-inklużjoni soċjali u n-nondiskriminazzjoni kif ukoll iċ-ċittadinanza attiva;
- irawmu l-ħsieb kritiku u l-litteriżmu medjatiku, b'mod partikolari fl-użu tal-Internet u tal-midja soċjali, biex it-tfal u ż-żgħażaġh jiżviluppaw reżistenza għal narrattivi diviżivi, polarizzazzjoni u indottrinazzjoni;
- itejbu l-edukazzjoni tat-tfal u taż-żgħażaġh żvantaġġati billi jiżguraw li s-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ tagħna jindirizzaw il-bżonnijiet tagħhom;

³ Id-dikjarazzjoni ta' Pariġi, is-17 ta' Marzu, 2015 - http://ec.europa.eu/education/news/20150316-paris-education_mt.

- jippromwovu d-djalogu interkulturali b’kull tip ta’ tagħlim, b’kooperazzjoni ma’ politiki rilevanti oħra u mal-partijiet ikkonċernati.

Din ir-Rakkomandazzjoni tkompli wkoll il-ħidma stabbilita fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-appoġġ lill-prevenzjoni mir-radikalizzazzjoni li twassal għal estremiżmu vjolenti⁴ li ġiet adottata b’konsegwenza tal-attakki terroristiċi fl-Ewropa. Din enfasizzat ir-rwol importanti li l-edukazzjoni għandha biex tgħin tidentifika u tħares liż-żgħażaġh f’riskju ta’ radikalizzazzjoni u biex tgħin ħalli jiġu indirizzati l-kawżi primarji tagħha.

Barra minn hekk, id-Dikjarazzjoni ta’ Ruma⁵ tal-25 ta’ Marzu 2017, tiddikjara li jenħtieġ li l-Unjoni tkun waħda li fiha *“iż-żgħażaġh jirċievu l-aqwa edukazzjoni u taħriġ u jistgħu jistudjaw u jsibu impjiegi mal-kontinent kollu”* u li *“tippreserva l-wirt kulturali tal-Ewropa u tippromwovi d-diversità kulturali.”*

Fil-White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa⁶ l-Kummissjoni tenfasizza r-rwol tal-valuri biex jgħinu joħolqu storja komuni b’hekk *“is-sagrifiċċji li għamlu l-ġenerazzjonijiet ta’ qabilna jinħtieġ li ma jintesew qatt. Id-dinjità umana, il-libertà u d-demokrazija swew ħafna, u ma jistgħu jiġu ċeduti qatt. Anki jekk ir-rabta mal-paċi mhix waħda li l-Ewropej kollha tal-lum jistgħu japprezzaw daqs kemm japprezzawha l-ġenituri jew in-nanniet tagħhom, dawn il-valuri ċentrali għadhom jorbtuna flimkien.”* Din l-idea ġiet enfasizzata aktar bl-idea li 70 sena ta’ paċi hija xhieda tal-valuri komuni tagħna u ta’ fehim reċiproku.

Il-Kummissjoni fakkret fid-Dokument ta’ Riflessjoni dwar l-Isfruttar tal-Globalizzazzjoni⁷ tagħha li *“l-aċċess ugwali għal edukazzjoni u taħriġ ta’ kwalità għolja huwa mezz qawwi għar-ridistribuzzjoni tal-ġid f’soċjetà. Dan għandu jibda bi standard għoli ta’ edukazzjoni bażika u aċċess għal taħriġ u żvilupp ta’ ħiliet fl-etajiet kollha”*.

Qabel id-diskussjoni tal-Aġenda tal-Mexxejja dwar l-edukazzjoni u l-kultura li saret f’Novembru 2017 f’Gothenburg, il-Kummissjoni ppubblikat bħala kontribut tagħha għad-diskussjoni l-Komunikazzjoni dwar *“It-tisħiħ tal-identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura”*⁸. It-test jenfasizza li *“huwa fl-interess komuni tal-Istati Membri kollha li nużaw il-potenzjal sħiħ tal-edukazzjoni u tal-kultura bħala muturi tal-impjiegi, tal-ġustizzja soċjali, taċ-ċittadinanza attiva kif ukoll bħala mezz biex tiġi esperjenzata l-identità Ewropea fid-diversità kollha tagħha.”*

• **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika**

Minbarra l-inizjattivi msemija hawn fuq, ir-Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fit-taħriġ (ET 2020)⁹ jistipula li *“l-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom rwol importanti biex jiżguraw li l-valuri umani u ċiviċi li nikkondividu huma salvagwardati u mgħoddija lill-ġenerazzjonijiet futuri, sabiex jippromwovu l-libertà tal-ħsieb u tal-*

⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-appoġġ lill-prevenzjoni mir-radikalizzazzjoni li twassal għal estremiżmu vjolenti; COM(2016) 379 final.

⁵ <http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2017/03/25/rome-declaration/>

⁶ Il-White Paper dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa Riflessjonijiet u xenarji għall-UE27 sal-2025 (COM 2017(2025) final)

⁷ Id-dokument ta’ riflessjoni dwar l-isfruttar tal-globalizzazzjoni, l-10 ta’ Mejju, 2017 - https://ec.europa.eu/commission/publications/reflection-paper-harnessing-globalisation_mt

⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-Tisħiħ tal-identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura; COM(2017) 673 final

⁹ Ir-Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fit-taħriġ (ET 2020) Prijoritajiet ġodda għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fit-taħriġ, (ĠU C 417, 15.12.2015)

espressjoni, l-inklużjoni soċjali u r-rispett għall-oħrajn, kif ukoll biex jipprevjenu u jindirizzaw id-diskriminazzjoni fil-forom kollha tagħha” u, barra minn hekk, ippropona “*edukazzjoni inklużiva, ugwaljanza, ekwità, nondiskriminazzjoni u l-promozzjoni tal-kompetenzi ċiviċi*” bħala qasam ta’ prijorità ġdid għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ.

Il-Kummissjoni implimentat firxa wiesgħa ta’ miżuri u azzjonijiet speċifiċi. Dawn jinkludu l-istabbiliment tal-Grupp ta’ Ħidma tal-ET 2020 dwar il-Promozzjoni ta’-ċittadinanza u l-valuri komuni; l-organizzazzjoni ta’ inizjattiva ta’ individwi mudell li jimpenjaw ruħhom f’attivitajiet li jippromwovu l-inklużjoni soċjali u li jipprevjenu l-esklużjoni u r-radikalizzazzjoni; sett ta’ għodda għal dawk li jaħdmu maż-żgħażaġh u għall-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh li jaħdmu maż-żgħażaġh f’riskju ta’ emarġinazzjoni; Premju Ewropew għall-Inklużjoni Soċjali permezz tal-Isport; u d-disponibbiltà ta’ aktar minn EUR 400 miljun f’fondi annwali permezz tal-Erasmus+ għal sħubiji transnazzjonali biex jiġu żviluppati approċċi ta’ politika u prattiki innovattivi fil-livell lokali, filwaqt li tingħata prijorità lill-inklużjoni soċjali, lill-promozzjoni tal-valuri komuni u lill-fehim interkulturali.

Barra minn hekk, fil-pakkett Ninvestu fiż-Żgħażaġħ tal-Ewropa¹⁰, il-Kummissjoni stipulat l-istrateġija tagħha għal edukazzjoni ta’ kwalità għolja, inklużiva u orjentata lejn il-futur b’inizjattivi speċifiċi. F’dan il-kuntest, il-Kummissjoni pproponiet azzjonijiet li għandhom x’jaqsmu mal-edukazzjoni inklużiva u l-promozzjoni ta’ valuri komuni li jinkludu l-iżvilupp professjonali kontinwu tal-għalliema, l-iżvilupp ulterjuri tal-Għodod Ewropej għall-Iskejjel kif ukoll l-użu tal-fondi ta’ Erasmus+ u ta’ Orizzont 2020 biex jippromwovu l-prattiki tajba fil-qasam tat-tagħlim inklużiv.

Inizjattivi oħra relatati ma’ din ir-Rakkomandazzjoni huma:

- Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-2013, L-investment fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ¹¹, li enfasizzat il-ħtieġa li tingħata edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal ta’ kwalità u li jitjieb l-impatt tas-sistemi edukattivi fuq l-opportunitajiet indaqs.
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2014 dwar Pjan ta’ Ħidma għall-Kultura 2015-2018 li jagħti prijorità lill-politika ta’ kollaborazzjoni tal-UE dwar il-kontribut tal-kultura għall-inklużjoni soċjali, li jibni fuq l-impenji għad-diversità kulturali u d-djalogu interkulturali fl-Aġenda Ewropea għall-Kultura.
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2016 dwar l-iżvilupp tal-litteriżmu fil-midja u l-ħsieb kritiku permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ, fejn l-Istati Membri qablu li l-litteriżmu fil-midja, il-ħsieb kritiku u l-kompetenzi diġitali huma hiliel li huma prekondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni attiva fil-ħajja demokratika u għat-tisħiħ tal-impjegabbiltà u, għalhekk, jenħtieġ li jinkisbu mill-istudenti ta’ kull età;
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2017 dwar ir-rwol tal-ħidma fost iż-żgħażaġh għall-appoġġ liż-żgħażaġh fl-iżvilupp, li fihom l-Istati Membri qablu li jsaħħu

¹⁰ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-titjib u l-immodernizzar tal-edukazzjoni; COM(2016)941; Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp tal-iskejjel u t-tagħlim eċċellenti għal bidu tajjeb fil-ħajja; COM(2017) 248; Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-aġenda mġedda għall-edukazzjoni għolja; COM(2017) 247

¹¹ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta’ Frar 2013 L-investment fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ; 2013/112/UE

l-kooperazzjoni, it-tagħlim bejn il-pari u l-iskambju fir-rigward tal-promozzjoni u l-iżvilupp tal-ħiliet għall-ħajja fost iż-żgħażaġh;

- Il-Qafas tal-2018 tal-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim Tul il-Ħajja mgedded¹² li jiddeskrivi l-kompetenzi ċiviċi bħala l-kapaċità li individwu jaġixxi bħala persuna responsabbli u li jipparteċipa bis-sħiħ fil-ħajja ċivika u soċjali, ibbażata fuq il-fehim ta' kunċetti u strutturi soċjali, ekonomiċi u politiċi, kif ukoll l-iżviluppi globali u s-sostenibbiltà. Il-prominenza akbar mogħtija lill-kompetenza ċivika f'din ir-reviżjoni tal-Qafas tal-Kompetenzi Ewlenin tenfasizza r-rwol taċ-ċittadinanza, tal-valuri demokratiċi u tad-drittijiet tal-bniedem fis-soċjetà globali tal-lum li hija dejjem aktar konnessa. Dan jagħraf kemm hu importanti li l-individwi jingħataw is-setgħa li jaġixxu bħala ċittadini attivi u responsabbli li kapaċi jikkontribwixxu għal soċjetajiet paċifiċi, tolleranti, inklużivi u siguri. F'dan il-kuntest, il-litteriżmu fil-midja u l-ħiliet interkulturali jisaħħu aktar;
- Is-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018, li għandha l-għan li żżid l-għarfien dwar l-istorja u l-valuri komuni u thegġegħ lin-nies tesplora l-wirt kulturali rikk u differenti tal-Ewropa;
- Il-Pjan ta' Azzjoni tal-2016 tal-Kummissjoni dwar l-Integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi¹³, li jenfasizza li l-integrazzjoni hija fundamentali għall-benesseri, il-prosperità u l-koeżjoni futuri tas-soċjetajiet Ewropej u għall-interessi komuni tal-Istati Membri kollha;
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2017 li jibnu fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' April 2017 dwar il-protezzjoni tat-tfal migranti, li fihom tiġi enfasizzata l-importanza ta' aċċess bikri u ugwali għal edukazzjoni inklużiva u formali, inkluzja l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal;
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2016 dwar li jiġi aċċellerat il-proċess ta' integrazzjoni tar-Rom, li jistiednu lill-Istati Membri biex iżidu l-isforzi ħalli jippromwovu l-aċċess ugwali għal edukazzjoni integrata ta' kwalità u inklużiva.
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2017 dwar l-inklużjoni fid-diversità biex tinkiseb edukazzjoni ta' kwalità għolja għal kulħadd, li fihom l-Istati Membri qablu li jistabbilixxu miżuri biex tiġi promossa kultura edukattiva demokratika u inklużiva, jiżviluppaw miżuri li jippermettu l-identifikazzjoni u l-prevenzjoni bikrija tal-esklużjoni soċjali u jħeġġu l-kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-edukazzjoni u oqsma rilevanti oħra, bħall-kultura, iż-żgħażaġh, l-isport, l-impjiegi, il-benesseri, is-sigurtà u kanali oħra ta' ħidma dwar l-inklużjoni soċjali;
- Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, li joħloq opportunitajiet għaż-żgħażaġh biex jagħmlu volontarjat jew jaħdmu fi proġetti f'pajjiżhom stess jew barra mill-pajjiż li jgawdu minnhom komunitajiet u nies madwar l-Ewropa. Dan jgħaqqad liż-żgħażaġh flimkien biex jibnu soċjetà aktar inklużiva, jappoġġa lill-persuni vulnerabbli filwaqt li jwieġeb l-isfidi tas-soċjetà.

¹² [IR-REFERENZA TIŻDEIED HEKK KIF JIĠI ADOTTAT]

¹³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi; COM(2016) 377 final

- Il-Qafas ta' Referenza tal-Kompetenzi għal Kultura Demokratika tal-Kunsill tal-Ewropa tal-2016.

Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni

L-għan prinċipali ta' din ir-Rakkomandazzjoni huwa li tippromwovi l-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u dimensjoni Ewropea tat-tagħlim. Din tikkomplementa l-ħidma li għaddejja tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali¹⁴ biex b'hekk ir-Rakkomandazzjoni tkompli tappoġġa *“d-dritt għal edukazzjoni, taħriġ u tagħlim tul il-ħajja ta' kwalità u inklussivi sabiex iżomm u jakkwista ħiliet li jippermettulu [lil kulħadd] jipparteċipa b'mod sħiħ fis-soċjetà u jimmaniġġja b'suċċess tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol.”*

Din ir-Rakkomandazzjoni hija konsistenti wkoll mal-għanijiet espressi fir-Rapport tal-2017 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE¹⁵, fejn il-Kummissjoni tirrikonoxxi li jenħtieġ li jsiru sforzi kontinwi sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha tal-UE jkunu jafu d-drittijiet tagħhom u jkunu jistgħu jipparteċipaw bis-sħiħ fil-proċess demokratiku Ewropew. Dan saħaq li l-promozzjoni tal-għarfien taċ-ċittadinanza tal-UE u l-valuri marbuta magħha fost iż-żgħażaġh Ewropej li jilhq u l-età tal-vot u dawk li jiksbu n-nazzjonalità ta' Stat Membru, u fis-soċjetà kollha kemm hi, teħtieġ sforz konġunt mill-atturi kollha kkonċernati fil-livelli kollha – l-Istati Membri, inkluż l-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom, l-istituzzjonijiet tal-UE u s-soċjetà ċivili.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

L-inizjattiva hija konformi mal-Artikoli 165 u 166 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Artikolu 165 jistipula li l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' edukazzjoni ta' kwalità billi tinkoraġġixxi kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u, jekk ikun meħtieġ, billi tappoġġa u tissupplimenta l-azzjonijiet tagħhom, filwaqt li tirrispetta għalkollox ir-responsabbiltà tal-Istati Membri għall-kontenut u l-organizzazzjoni tas-sistemi tal-edukazzjoni tagħhom. L-Artikolu 166 jistipula li l-Unjoni għandha timplimenta politika ta' taħriġ vokazzjonali li għandha tappoġġa u tissupplimenta l-azzjoni tal-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta għalkollox ir-responsabbiltà tal-Istati Membri għall-kontenut u l-organizzazzjoni tat-taħriġ vokazzjonali.

L-inizjattiva ma tipproponi l-ebda estensjoni tas-setgħa regulatorja jew l-impenji vinkolanti tal-UE fuq l-Istati Membri. L-Istati Membri se jiddeċiedu kif jimplimentaw ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Filwaqt li bosta Stati Membri wettqu fil-prattika diversi azzjonijiet biex jappoġġaw sistemi ta' edukazzjoni inklużiva u biex jippromwovu valuri komuni fil-livell nazzjonali, hemm bżonn ta' aktar kooperazzjoni fil-livell Ewropew.

Il-valur miżjud tal-azzjoni fil-livell tal-UE jinsab fil-kapaċità tal-UE li:

- tippromwovi fehim komuni dwar l-importanza tal-valuri komuni;

¹⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istabbiliment tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali; COM/2017/0250 final

¹⁵ Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar It-tisħiħ tad-drittijiet taċ-ċittadini f'Unjoni ta' tibdil demokratiku Rapport tal-2017 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE; COM/2017/030 final

- tappoġġa l-ħidma tal-Istati Membri biex jimplimentaw azzjonijiet fil-livell nazzjonali u reġjonali biex jippromwovu l-valuri komuni;
- tiffinanzja l-inizjattivi ta' mobilità u ta' ġemellaġġ u proġetti transnazzjonali oħra;
- tiffaċilita l-kondiviżjoni tal-ġharfien, tal-ġharfien espert u tal-prattiki tajba.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta ssaħħa fehim komuni ta' valuri, edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim billi turi kif dawn jistgħu jiġu promossi bl-edukazzjoni. Din tippermetti lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jikkondividu Prattiki tajba u informazzjoni u jiżviluppaw politiki kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll fil-livell tal-UE. Peress li l-impenji li se jieħdu l-Istati Membri huma ta' natura volontarja u kull Stat Membru jiddeċiedi l-approċċ li se jieħu biex jimplimenta azzjonijiet immirati għall-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u dimensjoni Ewropea fit-tagħlim, il-miżura titqies bħala proporzjonata.

- **Għażla tal-istrument**

Fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ l-istrument xieraq huwa Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, fejn l-UE għandha kompetenza ta' appoġġ u hija strument li spiss jintuża għal azzjoni Ewropea fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Bħala strument legali, din turi l-impenji tal-Istati Membri lejn il-miżuri fit-test u ttipprovdi bażi politika aktar b'saħħitha għall-kooperazzjoni f'dan il-qasam, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenza tal-Istat Membru fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

3. **IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Fid-19 ta' Mejju 2017 tnediet konsultazzjoni pubblika online li ntemmet fil-11 ta' Awwissu 2017. B'kolloxx kien hemm **1 124 tweġiba**, li kienu jinkludu aktar minn 200 dokument ta' pożizzjoni, li juru interess kbir fl-inizjattiva. It-tweġibiet żvelaw li hemm prattikament qbil unanimu (95 %) dwar ir-rwol tal-edukazzjoni li tgħin liż-żgħażaġh "jifhmu l-importanza tal-valuri komuni u jikkonformaw magħhom" u li l-UE għandha tgħin lill-Istati Membri f'dan il-kompitu (98 %). Ir-riżultati tal-konsultazzjoni huma disponibbli online.

Is-sejbiet ewlenin mill-konsultazzjoni jinkludu:

- Il-maġġoranza ta' **dawk li wieġbu (62,6 %) jemmnu li l-edukazzjoni diġà għandha rwol importanti** fl-ġhajna liż-żgħażaġh biex jifhmu l-importanza tal-valuri komuni u biex jikkonformaw magħhom, iżda sehem sinifikanti, kważi **40 % ta' dawk li wieġbu jaħsbu li l-edukazzjoni tista' tagħmel aktar;**
- Kważi dawk kollha li wieġbu (98 %) qablu dwar il-bżonn li tiġi **promossa l-edukazzjoni inklużiva** li tindirizza l-ħtiġijiet tal-istudenti kollha filwaqt li 16 % ħassew li l-edukazzjoni diġà qed tagħmel dan. Ġie espress appoġġ ġenerali tajjeb ħafna għall-għodod tal-UE. Il-finanzjament tal-UE (93,3 %), l-appoġġ għall-kooperazzjoni bejn l-iskejjel u l-universitajiet biex jippromwovu

l-innovazzjoni u l-modernizzazzjoni (91,6 %), il-mobilità għat-tagħlim tal-istudenti (91,5 %) u l-iskambji għal żmien qasir għall-istudenti fl-iskejjel (88,2 %) jitqiesu bħala l-aktar effettivi;

- Kważi dawk kollha li wiegħbu (93,2 %), qiesu li huwa importanti jew importanti ħafna għan-nies li **jżidu l-fehim tagħhom dwar l-istorja, il-kultura u l-valuri tal-UE** u ta' Stati Membri oħra, sabiex jifhmu bis-sħiħ ir-rwol tagħhom bħala membru responsabbli u attiv tas-soċjetajiet Ewropej.

Barra minn hekk, saru firxa wiesgħa ta' laqgħat ta' konsultazzjoni u avvenimenti:

Il-laqgħat li għabru l-input mill-Istati Membri jinkludu: Il-Laqgħa tal-Grupp ta' Livell Għoli (uffiċjali mill-ministeru tal-edukazzjoni tat-terza età) li saret bejn il-15 u s-16 ta' Ġunju 2017 (fl-Estonja); u tliet laqgħat mad-Diretturi Ġenerali: il-laqgħa dwar l-Edukazzjoni Għolja li saret bejn it-13 u l-14 ta' Marzu 2016; u l-laqgħat fl-iskejjel, li saru bejn l-10 u l-11 ta' April 2016 (f'Malta) u bejn it-18 u d-19 ta' Settembru 2017 (fl-Estonja);

L-avvenimenti fejn inġabar l-input mill-partijiet ikkonċernati jinkludu: il-konferenza Jean Monnet tal-15 ta' Novembru 2015¹⁶; kollokju li sar mill-ewwel Viċi President Timmermans f'kooperazzjoni mal-Kummissarji Jourová u Oettinger dwar il-midja u d-demokrazija, inklużi r-rwoli tal-ġurnaliżmu etiku u tal-litteriżmu medjatiku għad-demokrazija u għas-soċjetajiet pluralistiċi¹⁷; id-djalogi ta' livell għoli tal-Kummissjoni ma' organizzazzjonijiet reliġjużi u mhux konfessjonali fl-2016 ddedikati għall-integrazzjoni u l-valuri Ewropej; kollokju li sar mill-Kummissarju Navracsics dwar il-Promozzjoni tal-Inklużjoni u tal-Valuri Fundamentali permezz tal-Edukazzjoni, tas-26 ta' Mejju 2016¹⁸; u l-Forum Ewropew dwar l-Edukazzjoni, it-Taħriġ u ż-Żgħażaġh¹⁹ u laqgħa ddedikata mas-soċjetà ċivili²⁰, li saret bejn id-19 u l-21 ta' Ottubru 2016; L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ġew ikkonsultati wkoll f'seminar ta' parteċipazzjoni ddedikat li sar f'Diċembru 2015 u f'Jannar 2016 sar ukoll seminar mas-sħab soċjali u mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh. Fl-aħħar nett, ir-Rakkomandazzjoni qed twettaq il-Konklużjonijiet tal-Kollokju tal-Kummissjoni dwar id-Drittijiet Fundamentali ddedikat għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-mibegħda antisemitika u anti-Musulmana, anke permezz tal-edukazzjoni²¹.

Il-parteċipanti tal-laqgħat imsemmija hawn esprimew appoġġ u interess kbir fl-esplorazzjoni ta' kif l-edukazzjoni inklużiva tista' tippromwovi l-valuri komuni u r-rwol li l-Unjoni Ewropea jista' jkollha f'dan ir-rigward.

Il-Grupp ta' Ħidma tal-ET 2020 dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni organizza sensiela ta' attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari dwar dawn il-kwistjonijiet. Il-messaġġi ewlenin minn dawn l-attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari jinkludu²²:

¹⁶ Ara d-dettalji fuq: http://ec.europa.eu/education/events/20151109-jean-monnet-conference_mt

¹⁷ Ara l-konklużjonijiet fuq: http://ec.europa.eu/information_society/newsroom/image/document/2016-50/2016-fundamental-colloquium-conclusions_40602.pdf

¹⁸ Ara r-rapport fuq: http://ec.europa.eu/education/sites/education/files/201605-colloquium-report-radicalisation_en.pdf

¹⁹ Ara r-rapport fuq: https://ec.europa.eu/education/sites/education/files/flash-report-ety-forum-2016_en.pdf

²⁰ Ara r-rapport fuq: https://ec.europa.eu/education/sites/education/files/flash-report-cso-day-2016_en.pdf

²¹ Ara l-konklużjonijiet fuq: http://ec.europa.eu/justice/events/colloquium-fundamental-rights-2015/files/fundamental_rights_colloquium_conclusions_mt.pdf

²² Ara l-messaġġi ewlenin mill-attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari dwar il-ħsieb kritiku u l-litteriżmu medjatiku, il-kompetenzi soċjali u ċiviċi, l-edukazzjoni inklużiva u l-edukazzjoni tal-għalliema fuq: http://ec.europa.eu/education/policy/strategic-framework/expert-groups/citizenship-common-values_mt

- Jenħtieġ li l-edukazzjoni tmur lil hinn mill-opportunitajiet indaqs biex tiżgura l-inklużjoni ta' firxa wiesgħa ta' studenti u l-progress lejn ekwità edukattiva reali;
- Il-valuri jridu jiġu esperjenzati mill-istudenti u mill-edukaturi. Il-valuri jridu jingħexxu u mhux jiġu mgħallma; il-valuri demokratiċi jridu jsejtnu fil-klassi, pereżempju permezz ta' taġlim ibbażat fuq proġetti, u jenħtieġ li l-iskejjel iħaddnu l-parteċipazzjoni attiva mill-istudenti, il-ġenituri, l-għalliema u l-komunità inġenerali, f'dak li jissejjaħ "approċċ tal-iskola kollha";
- Fil-Komunità għandu jkun hemm aktar enfasi fuq l-azzjonijiet ibbażati fuq il-valuri għat-tfal li jinsabu f'riskju ta' esklużjoni; jiġifieri, mhux biss għal dawk li jtilqu kmieni mill-iskola, iżda wkoll għal dawk li jiġu sospiżi jew li jitkeċċew minn skola waħda jew aktar u għalhekk jiġu emarġinati. Kien hemm ukoll sejħiet għal aktar appoġġ, inkluż dak finanzjarju, għall-inizjattivi tat-tieni/tat-tielet ċans, għat-tagħlim individwali adattat għall-ħtiġijiet individwali, u għall-mentoraġġ tat-tfal emarġinati u esklużi.
- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Din il-proposta hija bbażata fuq firxa wiesgħa ta' rapporti u studji, kif ukoll fuq l-għarfien miġbur permezz tal-attivitajiet ta' taġlim bejn il-pari u l-laqqhat tal-Grupp ta' Ħidma tal-ET 2020 dwar il-promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni.

Il-ħidma tal-Aġenzija Ewropea għall-Bżonnijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva²³ għandha l-għan li tiżgura l-ekwità, l-opportunitajiet indaqs u d-drittijiet għall-istudenti kollha, b'mod partikolari għal dawk li huma vulnerabbli għall-emarġinazzjoni u l-esklużjoni, bħall-istudenti b'diżabilità u/jew bi bżonnijiet edukattivi speċjali. Din l-aġenzija tikkontribwixxi għat-tfassil tal-politika tal-UE bid-diversi rapporti u pubblikazzjonijiet tagħha, fosthom dwar l-edukazzjoni bikrija tat-tfal, it-tluq bikri mill-iskola fost l-istudenti bi bżonnijiet edukattivi speċjali u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-għalliema biex jippromwovu l-edukazzjoni inklużiva.

Il-ħidma tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, li għandha kompit u speċifiku li tipprovi konsulenza indipendenti u bbażata fuq l-evidenza dwar id-drittijiet fundamentali, u li tikkomunika d-drittijiet fundamentali u li toħloq kuxjenza dwarhom, bil-għan li tiżgura li d-drittijiet tan-nies li jgħixu fl-UE jkunu protetti.

L-evidenza miġbura mir-rapporti analitiċi min-netwerk akkademiku NESET II (in-Netzwerk ta' Esperti dwar l-Aspetti Soċjali tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ)²⁴ ikkonkludiet li s-sistemi

²³ Din l-Aġenzija hija organizzazzjoni indipendenti li taġixxi bħala pjattaforma ta' kollaborazzjoni għall-ministeri tal-edukazzjoni tal-Istati Membri. L-għan ewlieni tagħha huwa li tgħin om itejbu l-politiki u l-prattiki edukattivi tagħhom b'informazzjoni bbażata fuq l-evidenza u tissuġġerixxi l-implimentazzjoni ta' politiki inklużivi bbażati fuq l-edukazzjoni. L-Aġenzija hija ffinanzjata mill-fondi tal-Erasmus+ u mill-kontribuzzjonijiet minn ministeri nazzjonali, mis-27 Stat Membru, kif ukoll mill-Iżlanda, in-Norveġja u l-Iżvizzera li huma membri tal-Aġenzija.

²⁴ *Policy and Practices for Equality and Inclusion In and Through Education: Evidence and policy guidance from European research projects funded under FP6 and FP7* (2015) http://nesetweb.eu/wp-content/uploads/2015/08/AR1_2015.pdf; *Education Policies and Practices to Foster Tolerance, Respect for Diversity and Civic Responsibility in Children and Young People in the EU* (2016) <http://nesetweb.eu/en/library/education-policies-and-practices-to-foster-tolerance-respect-for-diversity-and-civic-responsibility-in-children-and-young-people-in-the-eu/>

edukattivi u ta' taħriġ li għandhom standards għoljin ta' kwalità għal kulħadd, li jrawmu approċċi personalizzati u inklużivi li jinvolvu lill-ġenituri, jappoġġaw l-intervent bikri u jimmiraw lill-istudenti żvantaġġati, speċjalment fl-edukazzjoni ordinarja, jistgħu jkunu xprunaturi b'saħħithom tal-inklużjoni soċjali. Bl-istess mod, in-netwrk NESET II enfażizza li l-bullying joffendi l-valuri komuni ta' libertà, tolleranza u nondiskriminazzjoni u pprova ħarsa ġenerali tal-aktar strateġiji u prattiki effettivi biex jipprevjenu l-bullying u l-vjolenza fl-iskejjel fl-UE kollha²⁵.

Ir-rapport Eurydice dwar “L-Edukazzjoni dwar iċ-Ċittadinanza fl-Iskola fl-Ewropa” (Citizenship Education at School in Europe) (2017) li sar f'isem il-Kummissjoni, eżamina kif l-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza tista' tintuża biex jinħolqu ambjenti ta' taġħlim interattivi u li jippromwovu l-involvement bl-użu ta' pedagoġiji innovattivi li jiżviluppaw l-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet li ż-żgħażaġħ jeħtieġu biex isiru ċittadini attivi.

Il-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ (2017) enfażizza wkoll il-ħtieġa li s-sistemi edukattivi jsiru aktar inklużivi peress li l-livell edukattiv milħuq tal-istudenti jiddependi l-aktar fuq l-isfond soċjoekonomiku taġħhom.

Fir-rigward tal-Grupp ta' Ħidma tal-ET 2020 u l-attivitajiet ta' taġħlim bejn pari ddedikati tiegħu, il-messaġġi ewlenin li wieħed għandu jinnota fil-kuntest ta' din ir-Rakkomandazzjoni jinkludu:

- Jenħtieġ li l-istituzzjonijiet tat-taġħlim isiru parti integrali tal-komunità lokali u jgħinu biex titrawwem kooperazzjoni aktar mill-qrib mas-soċjetà ċivili, mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġħ, mal-awtoritajiet lokali u mas-settur tan-negozju biex jgħinu jedukaw liż-żgħażaġħ;
- Kultura ta' taġħlim demokratika u inklużiva li taġħti valur lid-diversità u li taġħti lok għad-djalogu u d-diskussjoni dwar kwistjonijiet kontroversjali, hija essenzjali għat-taġħlim soċjoemozzjonali u biex jinkisbu l-kompetenzi soċjali u ċiviċi;
- Jenħtieġ li l-għalliema jiġu appoġġati u jingħataw is-setgħa li jamministraw id-diversità u jiżviluppaw il-kompetenzi soċjali u ċivili tal-istudenti, bl-edukazzjoni inizjali tal-għalliema, l-iżvilupp professjonali kontinwu, l-għodod prattiċi kif ukoll l-appoġġ u l-gwida kontinwi.

• **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba l-approċċ kumplementari tal-attivitajiet proposti għall-inizjattivi tal-Istati Membri, in-natura volontarja taġħhom u l-kamp ta' applikazzjoni tal-impatti mistennija, ma kienx hemm bżonn ta' valutazzjoni tal-impatt u għalhekk ma saritx. Minflok, l-iżvilupp tal-proposta ġie infurmat bi studji preċedenti, b'konsultazzjoni tal-Istati Membri u bil-konsultazzjoni pubblika.

• **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

²⁵ [How to Prevent and Tackle Bullying and School Violence: Evidence and Practices for Strategies for Inclusive and Safe Schools](http://nesetweb.eu/wp-content/uploads/2015/08/AR2_2015.pdf) (2015), http://nesetweb.eu/wp-content/uploads/2015/08/AR2_2015.pdf

- **Drittijiet fundamentali**

Din ir-Rakkomandazzjoni għandha l-għan li tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jippromwovu d-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Din l-inizjattiva ma teħtieġx riżorsi addizzjonali mill-baġit tal-UE.

Fejn xieraq se jitħeġġeġ l-użu ta' programmi ta' finanzjament tal-UE bħal Erasmus+, Ewropa Kreattiva u Ewropa għaċ-Ċittadini, biex jgħinu jiffinanzjaw il-mobilità tat-tagħlim individwali, l-iskambji virtwali, il-proġetti ta' kooperazzjoni u l-attivitajiet ta' volontarjat li jservu biex jippromwovu l-valuri komuni, l-inklużjoni u l-fehim tal-Ewropa. Dan se jsir f'konformità mal-bażi ġuridika tagħhom u mal-kapaċità finanzjarja rispettiva tagħhom.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Din ir-Rakkomandazzjoni se tiġi implimentata b'kollaborazzjoni kontinwa fil-Qafas Strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ (ET 2020) u kwalunkwe qafas suċċessur. L-azzjonijiet meħuda bi tveġiba għal din ir-Rakkomandazzjoni se jkunu soġġetti għal rieżami regolari permezz ta' dawn l-oqfsa, inkluż fil-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Filwaqt li titqies il-varjetà kbira ta' sistemi edukattivi u filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-proposta tidentifika għadd ta' rakkomandazzjonijiet biex jiggwidaw lill-Istati Membri ħalli jfasslu l-aktar miżuri effettivi għall-promozzjoni tal-valuri komuni, jipprovdu edukazzjoni inklużiva u jinkludu dimensjoni Ewropea għat-tagħlim fil-kuntesti speċifiċi tagħhom.

Fir-rigward tal-**promozzjoni tal-valuri komuni**, il-proposta tirrakkomanda li l-Istati Membri:

- Jippromwovu l-ġoti ta' edukazzjoni ddedikata dwar iċ-ċittadinanza u l-etika;
- Itejbu l-ħsieb kritiku u l-litteriżmu medjatiku;
- Iħeġġu l-parteċipazzjoni attiva tal-istudenti, tal-ġenituri u tal-ġhalliema fil-governanza tal-iskejjel u taż-żgħażaġh fil-komunitajiet lokali tagħhom;
- Jippromwovu l-aħjar prattiki bħal daww stabbiliti fil-Kompetenzi għal Kultura Demokratika tal-Kunsill tal-Ewropa.

Fir-rigward tal-**edukazzjoni inklużiva** għall-istudenti kollha, il-proposta tirrakkomanda li:

- Jiġi inklużi t-tfal kollha fl-edukazzjoni minn età bikrija, filwaqt li jingħata appoġġ lill-istudenti bi bżonnijiet edukattivi speċifiċi; tingħata flessibilità fit-tranżizzjonijiet bejn diversi livelli edukattivi; u jiġi żgurat li tingħata gwida biżżejjed dwar l-edukazzjoni u l-karriera;

- Titkompla l-ħidma fuq l-għarfien espert u l-appoġġ tal-Aġenzija Ewropea għall-Bżonnijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva.

Fir-rigward tad-**dimensjoni Ewropea tat-tagħlim**, il-proposta tirrakkomanda li:

- Jiġi ffaċilitat it-tagħlim dwar l-UE u l-Istati Membri tagħha u tiġi promossa l-parteċipazzjoni fl-inizjattivi ta' mobilità u ta' e-twinning u fi proġetti fil-prattika.

Sabiex jinkisbu l-għanijiet msemmija hawn fuq, il-proposta tirrakkomanda li l-għalliema jkunu appoġġati b'biżżejjed taħriġ inizjali u kontinwu fl-edukazzjoni ċivika u l-pedagoġiji inklużivi u jkun aktar faċli għalihom biex jieħdu sehem fi skambji u programmi ta' tagħlim.

It-test jissuġġerixxi miżuri ta' implimentazzjoni speċifiċi li jgħinu lill-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jikisbu dawn l-għanijiet.

Il-proposta tilqa' wkoll l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tappoġġa lill-Istati Membri biex jiksbru r-rakkomandazzjonijiet imsemmijin hawn fuq; anke permezz ta' finanzjamenti għall-mobilità tat-tagħlim, l-iskambji reċiproċi, il-proġetti ta' kooperazzjoni, il-volontarjat u l-ħidma fost iż-żgħażaġh; it-tagħlim bejn il-pari u l-skambji ta' Prattiki tajba permezz tal-qafas tal-ET 2020; u l-iżvilupp tal-bażi ta' evidenza għar-riformi politiċi.

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 165 u 166 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistipula li “L-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-non-diskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irgħiel”.
- (2) Ispirata minn dawn il-valuri, l-Unjoni rnexxielha tgħaqqad pajjiżi, komunitajiet u nies flimkien fi proġett politiku uniku, li wassal għall-itwal perjodu ta' paċi fl-Ewropa u li min-naħa tiegħu għab stabbiltà soċjali u prosperità ekonomika. L-adozzjoni mill-Istati Membri tal-valuri stabbiliti fit-Trattat toħloq bażi komuni li tiffirma l-karatteristika distinta tal-istil ta' haġja u tal-identità Ewropej, u tagħti post lill-Unjoni fix-xena globali.
- (3) L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha qed iħabbtu wiċċhom ma' varjetà ta' sfidi, inklużi l-popoliżmu, il-ksenofobija, in-nazzjonaliżmu diviżiv, id-diskriminazzjoni, it-tixrid ta' aħbarijiet foloz u ta' informazzjoni qarrieqa kif ukoll l-isfida tar-radikalizzazzjoni. Dawn il-fenomeni jistgħu jkunu ta' theddida serja għas-sisien tad-demokraziji tagħna, idgħajfu l-fiduċja fl-istat tad-dritt u fl-istituzzjonijiet demokratiċi u jfixxlu s-sens komuni ta' appartenenza fis-soċjetajiet Ewropej tagħna u bejniethom.
- (4) In-nuqqas ta' għarfien dwar l-oriġini tal-Unjoni, ir-raġunijiet għall-ħolqien tagħha u l-funzjonament bażiku tagħha jiffavorixxu l-informazzjoni qarrieqa u ma jħallux li jiġu ffurmati opinjonijiet infurmati dwar l-azzjonijiet tagħha. L-għarfien dwar id-diversità tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jappoġġa r-rispett, il-fehim u l-kooperazzjoni reċiproċi fl-Istati Membri u bejniethom.
- (5) L-edukazzjoni fil-livelli kollha u minn età bikrija għandha rwol ċentrali fil-promozzjoni u t-tagħlim tal-valuri komuni. Din tgħin biex tiġi żgurata l-inklużjoni soċjali billi tipprovdi lil kull wild b'opportunità ġusta li jirnexxi. Tipprovdi l-opportunitajiet biex isiru ċittadini attivi u konxji b'mod kritiku, u żżid il-fehim tal-identità Ewropea.
- (6) Fil-laqgħa tal-Aġenda tal-Mexxejja li saret f'Novembru 2017 f'Gothenburg, il-mexxejja Ewropej iddiskutew l-importanza tal-edukazzjoni u l-kultura għall-futur tal-Ewropa. Hija u tinforma dan id-dibattitu, il-Kummissjoni ppreżentat il-viżjoni tagħha

għal Żona Ewropea għall-Edukazzjoni u pproponiet għadd ta' inizjattivi fil-Komunikazzjoni tagħha dwar "It-tisħiħ tal-identità Ewropea permezz ta' Edukazzjoni u l-Kultura"²⁶, li tistipula li "*it-tisħiħ tal-identità Ewropea tagħna għadu essenzjali u l-edukazzjoni u l-kultura huma l-aħjar mezzi sabiex dan jiġi żgurat*".

- (7) Wieħed mill-għanijiet tal-qafas ET 2020 għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ²⁷, jiġifieri li jiġu promossi l-ekwità, il-koeżjoni soċjali u ċ-ċittadinanza attiva, ġie stabbilit abbażi tal-fatt li jenħtieġ li l-edukazzjoni tippromwovi l-kompetenzi interkulturali, il-valuri demokratiċi u r-rispett għad-drittijiet fundamentali, il-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni u razziżmu, u tgħammar liż-żgħażaġh biex jinteraġixxu b'mod pożittiv ma' sħabhom li ġejjin minn ambjenti differenti.
- (8) Id-Dikjarazzjoni ta' Pariġi²⁸ adottata fis-17 ta' Marzu 2015 mill-ministri tal-edukazzjoni Ewropej indikat l-impenn mill-Istati Membri biex jippromwovu l-valuri komuni, itejbu kemm il-ħsieb kritiku u l-litteriżmu medjatiku kif ukoll l-edukazzjoni inklużiva u d-djalogu interkulturali. It-tweġibiet għal konsultazzjoni pubblika fl-UE kollha²⁹ juru biċ-ċar li jenħtieġ li tiġi promossa l-edukazzjoni inklużiva. 16 % biss ta' daww li wieġbu jħossu li l-edukazzjoni diġà qed tikseb dan l-għan; filwaqt li 95 % jħossu li jenħtieġ li l-edukazzjoni tgħin liż-żgħażaġh jifhmu l-importanza tal-valuri komuni u li jenħtieġ li l-Unjoni tgħin lill-Istati Membri jiksibu dan il-kompitu (98 %).
- (9) Stħarriġ tal-2017 ta' Eurydice dwar l-Edukazzjoni dwar iċ-Ċittadinanza fl-Iskola fl-Ewropa³⁰ juri li l-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza attwalment tinsab fiċ-ċentru tal-attenzjoni f'għadd ta' pajjiżi Ewropej. Madankollu, kważi nofs il-pajjiżi għad ma għandhomx politiki dwar l-inklużjoni tal-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza fit-taħriġ inizjali tal-ġhallem. Għalhekk, jenħtieġ li l-ġhallem jingħataw l-appoġġ u s-setgħa permezz ta' miżuri għall-ħolqien ta' kultura ta' tagħlim miftuħ u li jittrattaw diversi gruppi ta' tagħlim biex jgħallmu l-kompetenzi ċiviċi, jittrażmettu l-wirt komuni tal-Ewropa, jikkomunikaw il-valuri komuni u jaġixxu bħala mudelli għall-istudenti.
- (10) Ir-radikalizzazzjoni li twassal għall-estremiżmu vjolenti tibqa' problema kbira f'bosta Stati Membri. Il-promozzjoni tal-valuri komuni bħala vettur tal-koeżjoni u l-integrazzjoni soċjali, anke permezz tal-politiki edukattivi, hija parti integrali tas-soluzzjoni. Sabiex tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom, fl-Lulju tal-2017 il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet Grupp ta' Livell Għoli dwar ir-Radikalizzazzjoni³¹ biex jidentifika l-miżuri ta' appoġġ, anke fl-edukazzjoni.
- (11) L-aktar riżultati riċenti tal-istħarriġ ta' PISA³² u l-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ tal-2017³³ jenfasizzaw ir-rabta bejn l-inugwaljanzi edukattivi u l-isfond soċjoekonomiku tal-istudenti. Id-dejta ta' PISA turi li l-istudenti li ġejjin minn familji ifqar għandhom tliet darbiet iżjed ċans li jmorru agħar mill-kontropartijiet aktar sinjuri

²⁶ <http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52017DC0673&rid=1>

²⁷ Ir-Rapport Konġunt tal-2015 tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fit-taħriġ (ET 2020) Prijoritajiet ġodda għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u fit-taħriġ, (ĠU C 417, 15.12.2015)

²⁸ http://ec.europa.eu/dgs/education_culture/repository/education/news/2015/documents/citizenship-education-declaration_en.pdf

²⁹ https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/results-citizenship-consultation_en.pdf

³⁰ https://webgate.ec.europa.eu/fpfis/mwikis/eurydice/images/6/68/215_EN_Citizenship_2017_N.pdf

³¹ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Lulju 2017 l-istabbiliment tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli tal-Kummissjoni dwar ir-radikalizzazzjoni. ĠU C 252/3, 3.8.2017.

³² <https://www.oecd.org/pisa/pisa-2015-results-in-focus.pdf>

³³ http://ec.europa.eu/education/policy/strategic-framework/et-monitor_mt

tagħhom u li l-istudenti bi sfond ta' migrazzjoni għandhom ċans iktar mid-doppju li jiksbu livell baxx minn studenti oħrajn. Biex tiġi evitata l-marġinalizzazzjoni taż-żgħażaġh, huwa kruċjali li jkun hemm sistemi edukattivi inklużivi u ġusti li jrawmu soċjetajiet koeżivi u jstabbilixxu s-sisien għal ċittadinanza attiva u jtejbu l-impjegabbiltà.

- (12) L-istħarriġ tal-Ewrobarometru enfażizza livell notevolment baxx ta' għarfien dwar l-Unjoni. Skont stħarriġ tal-opinjoni tal-2014, 44 % tan-nies tħoss li għandha fehim limitat ta' kif taħdem l-Unjoni³⁴, filwaqt li stħarriġ tal-2011 juri li maġġoranza relattiva tħoss li mhijiex infurmata sew dwar l-Unjoni Ewropea³⁵. L-istess studju żvela wkoll li terz tan-nies ma tafx eżattament kemm hemm Stati Membri fl-Unjoni³⁶. Fl-aħħar nett, l-aktar stħarriġ riċenti tal-Ewrobarometru³⁷ juri li 35 % ta' daww li wiegħbu jqisu li l-istandards edukattivi komparabbli huma l-aktar utli għall-futur tal-Ewropa.
- (13) F'dan l-isfond, huwa essenzjali li l-Istati Membri jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex ikomplu jimplimentaw l-għanijiet kollha tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-2015. Huwa partikolarment importanti li jkomplu jiġu promossi l-valuri komuni bħala vetturi ta' koeżjoni u inklużjoni, tiġi favorita l-implimentazzjoni ta' ambjenti ta' tagħlim parteċipattivi fil-livelli kollha tal-edukazzjoni, jitjieb it-taħriġ għall-għalliema dwar iċ-ċittadinanza u d-diversità u jitjiebu l-ħiliet dwar il-litteriżmu medjatiku u l-ħsieb kritiku tal-istudenti kollha.
- (14) L-aċċess ugwali u effettiv għall-edukazzjoni inklużiva u ta' kwalità għall-istudenti kollha, inklużi daww b'oriġini ta' migrazzjoni, daww minn ambjenti soċjoekonomiċi żvantaġġati u daww bi bżonnijiet speċjali, huwa indispensabbli biex jinkisbu soċjetajiet aktar koeżivi. F'dan l-isforz, l-Istati Membri jistgħu jibbenefikaw mill-istrumenti eżistenti tal-Unjoni, b'mod partikolari Erasmus+, il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, Ewropa Kreattiva, l-Ewropa għaċ-Ċittadini, il-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u Orizzont 2020, kif ukoll il-gwida u l-għarfien espert tal-Aġenzija Ewropea għall-Bżonnijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva.
- (15) Il-programm Erasmus+ juri li l-mobilità u l-kuntatti transkonfinali huma l-aktar mod effiċjenti kif wieħed jesperjenza l-identità Ewropea. Huwa essenzjali li l-kategoriji kollha ta' studenti jibbenefikaw bl-istess mod mill-opportunitajiet li joffri dan il-programm; b'mod partikolari permezz ta' skambji skolastiċi bejn l-Istati Membri. Il-mobilità virtwali, speċjalment permezz tan-netwerk e-twinning, hija għodda eċċellenti li tippermetti l-kuntatt dirett bejn l-istudenti, u fis-snin li ġejjin għandha tintuża fuq skala akbar flimkien mal-mobilità fiżika.

³⁴ Ewrobarometru Standard 81, rebbiegħa 2014, p. 117 (http://ec.europa.eu/commfrontoffice/publicopinion/archives/eb/eb81/eb81_publ_en.pdf)

³⁵ Ewrobarometru Standard 75, rebbiegħa 2011, p. 48. (http://ec.europa.eu/commfrontoffice/publicopinion/archives/eb/eb75/eb75_publ_en.pdf)

³⁶ Ewrobarometru Standard 75, rebbiegħa 2011, p. 50. (http://ec.europa.eu/commfrontoffice/publicopinion/archives/eb/eb75/eb75_publ_en.pdf)

³⁷ Ewrobarometru Speċjali 467, ħarifa 2017, p. 6: "The majority think comparable living standards would be most helpful for the future of Europe (52%), and more than one third mention comparable education standards (35%)", (Il-maġġoranza taħseb li l-istandards ta' għixien komparabbli jkun utli ħafna għall-futur tal-Ewropa (52 %), u aktar minn terz (35 %) issemmi l-istandards ta' edukazzjoni komparabbli), <http://ec.europa.eu/commfrontoffice/publicopinion/index.cfm/Survey/getSurveyDetail/instruments/SPECIAl/surveyKy/2179>)

- (16) Jenħtieġ li l-introduzzjoni ta' dimensjoni Ewropea għat-tagħlim tgħin biex l-istudenti jesperjenzaw identità Ewropea fid-diversità kollha tagħha u biex issaħħaħ is-sens ta' appartenenza Ewropea, li tikkomplementa l-identitajiet u t-tradizzjonijiet lokali, reġjonali u nazzjonali tagħhom. Din hija importanti wkoll biex tippromwovi fehim aħjar kemm tal-Unjoni kif ukoll tal-Istati Membri tagħha.
- (17) Din ir-Rakkomandazzjoni tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Il-kontenut ta' din ir-Rakkomandazzjoni huwa mingħajr preġudizzju għall-inizjattivi nazzjonali eżistenti f'dawn l-oqsma, b'mod partikolari fis-sistemi nazzjonali ta' edukazzjoni ċivika.

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI

Jenħtieġ li l-Istati Membri:

Jippromwovu l-valuri komuni

1. iżidu l-iskambju tal-valuri komuni stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea minn età bikrija u fil-livelli kollha tal-edukazzjoni biex isaħħu l-koeżjoni soċjali u sens ta' appartenenza komuni fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni.
2. ikomplu jimplimentaw l-impenji tad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi, b'mod partikolari permezz ta':
 - (a) il-promozzjoni ta' edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza u l-etika kif ukoll klima ta' klassi miftuħa biex trawwem attitudnijiet tolleranti u demokratiċi;
 - (b) it-titjib tal-ħsieb kritiku u tal-litteriżmu tal-midja, b'mod partikolari fl-użu tal-Internet u tal-midja soċjali, biex tinholq kuxjenza dwar ir-riskji marbuta mal-affidabbiltà tas-sorsi ta' informazzjoni u biex jintuża ġudizzju tajjeb;
 - (c) l-iżvilupp ta' strutturi li jippromwovu l-parteċipazzjoni attiva tal-ġhalliema, tal-ġenituri, tal-istudenti u tal-komunità iġġenerali fil-governanza tal-iskejjel; u
 - (d) l-appoġġ tal-opportunitajiet ġhall-parteċipazzjoni demokratika taż-żġħażaġħ u l-involviment attiv u responsabbli tal-komunità.
3. jużaw b'mod effettiv l-ġħodod eżistenti ġhall-promozzjoni tal-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza, b'mod partikolari l-qafas tal-Kompetenzi ġħal Kultura Demokratika tal-Kunsill tal-Ewropa³⁸.

Jipprovdu edukazzjoni inklużiva

4. jippromwovu l-edukazzjoni inklużiva ġhall-istudenti kollha, b'mod partikolari billi:
 - (a) jinkludu l-istudenti kollha f'edukazzjoni ta' kwalità minn età žġħira;
 - (b) jipprovdu l-appoġġ meħtieġ ġhall-istudenti skont il-ħtiġijiet taġħhom, inkluż dawk li ġejjin minn ambjenti soġjoekonomiċi żvantaġġati, dawk bi sfond ta' migrazzjoni, dawk bi ħtiġijiet edukattivi speċjali u lill-istudenti bl-akbar talent;
 - (c) jiffaċilitaw it-tranżizzjoni bejn il-livelli differenti tal-edukazzjoni u jippermettu l-ġħoti ta' ġwida adegwata ġhall-edukazzjoni u l-karriera.
5. jużaw b'mod effettiv l-Aġenzija Ewropea ġhall-Bżonnijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inkluziva³⁹ biex jimplimentaw u jimmonitorjaw l-approċċi inklużivi ta' suċċess fis-sistemi edukattivi taġħhom.

Jippromwovu dimensjoni Ewropea tat-tagħlim;

6. jippromwovu dimensjoni Ewropea tat-tagħlim billi jħeġġu:
 - (a) fehim tal-kuntest Ewropew u l-wirt komuni u ġħarfien tad-diversità tal-Istati Membri tal-Unjoni;

³⁸ *Competences for democratic culture - Living together as equals in culturally diverse democratic societies* (Kompetenzi ġħal kultura demokratika - Nghixu flimkien b'mod ugwali f'soġjetajiet demokratiċi kulturalment differenti), (2016), <https://www.coe.int/en/web/education/competences-for-democratic-culture>

³⁹ Kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013 li jistabbilixxi "Erasmus+": il-programm tal-Unjoni ġhall-edukazzjoni, taħriġ, žġħażaġħ u sport,

- (b) fehim tal-oriġini u tal-funzjonament tal-Unjoni;
- (c) il-parteċipazzjoni tal-istudenti u tal-għalliema fin-netwerk e-Twinning u fil-mobilità transkonfinali, speċjalment fl-iskejjel;
- (d) proġetti fil-prattika biex tinholq kuxjenza dwar l-Unjoni Ewropea fiċ-ċentri ta' edukazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-interazzjoni diretta maż-żgħażaġh.

Jappoġġaw lill-għalliema u t-tagħlim

7. Jippermettu lill-għalliema, lill-mexxejja tal-iskejjel u lill-persunal akkademiku biex jippromwovu l-valuri komuni u jipprovdu edukazzjoni inklużiva, permezz ta':
 - (a) miżuri li jagħtu setgħa lill-għalliema, lill-mexxejja tal-iskejjel u lill-persunal akkademiku biex jgħinuhom iwasslu l-valuri komuni, jippromwovu ċ-ċittadinanza attiva filwaqt li jittrażmettu sens ta' appartenenza u jwieġbu għall-ħtiġijiet differenti tal-istudenti; u
 - (b) promozzjoni ta' skambji u programmi ta' tagħlim bejn il-pari kif ukoll gwida u mentoraġġ konsulenza għall-għalliema u l-persunal akkademiku.

Jimplimentaw miżuri

8. Iwettqu rieżami, u fejn ikun meħtieġ jemendaw, il-politiki u l-prattiki eżistenti fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim mhux formali sabiex jaġixxu fuq dawn ir-rakkomandazzjonijiet;
9. Jidentifikaw lakuni u jsaħħu l-involvement pubbliku, il-konsultazzjoni u l-għbir tad-dejta bil-għan li jittejjeb it-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza dwar id-dimensjonijiet soċjali u ċiviċi tal-edukazzjoni u t-taħriġ;
10. Ikomplu jikkollaboraw fl-oqfsa ta' kooperazzjoni strateġika tal-UE fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, iż-żgħażaġh, l-isport u l-kultura permezz tat-tagħlim bejn il-pari u l-iskambju ta' Prattiki tajba bil-għan li jippromwovu l-valuri komuni;
11. Jużaw b'mod effettiv l-istrumenti ta' finanzjament tal-UE, b'mod partikolari Erasmus+, il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, Ewropa Kreattiva, l-Ewropa għaċ-Ċittadini, il-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza u Orizzont 2020 bil-għan li jimplimentaw dawn ir-rakkomandazzjonijiet.

JILQA' L-INTENZJONI TAL-KUMMISSJONI LI:

12. tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni bl-għodod u bl-istrumenti ta' finanzjament disponibbli, b'mod partikolari permezz tal-mobilità tal-iskejjel u tan-netwerk e-Twinning;
13. tappoġġa r-riformi politiki nazzjonali u reġjonali u tipprattika t-titjib permezz tal-qafas ET2020 għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ u kwalunkwe qafas suċċessur;
14. tiżviluppa u tagħmel rieżami regolari tad-dokumenti ta' gwida u tal-għodda ta' referenza prattika għal dawk li jfasslu l-politika u għall-prattikanti u tappoġġa r-riċerka u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati biex jimtlew il-lakuni fl-għarfien;
15. tivvaluta u tevalwa l-azzjoni meħuda bħala segwitu għal din ir-Rakkomandazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-qafas ET2020, inkluż il-Monitoraġġ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*